**LEĦEN IL-PARROĊĊA**
**TAL-QALB BLA TEBGĦA TA' MARIJA**
**BURMARRAD**

*Ġunju 2017* *Nru: 406*

## Ix-xemx u l-qamar

L-imħabba tal-Missier tidher fil-qalb ħanina ta' Ġesù li jagħti ħajtu biex jeħlisna mill-mewt u jgħallimna ngħixu fl-imħabba vera. Għan-nisrani ma jistax ikun hemm mudell ieħor ta' ħajja tajba ħlief Ġesù nnifsu. Huwa x-xemx li ddawwal ħajjitna b'dawl safi li jqawwi u jġedded. Mingħajr Kristu ma jista' jeżisti l-ebda dawl ieħor.

Il-qamar jirċievi u jirrifletti d-dawl tax-xemx bi bjuda safja u ħelwa. Ma jagħtix dawl minnu nnifsu imma jirrifletti d-dawl tax-xemx meta dan ma jkunx perċepibbli, meta jkun daħal il-lejl u fil-ħemda l-bniedem iħossu mdallam.

Il-qamar tal-ħajja spiritwali tagħna hu l-Verġni Marija li fis-sbuħija bla ebda tebgħa tagħha twasslilna d-dawl ta' binha Ġesù, ix-xemx tagħna. Hija takkumpanjana fil-ħemda u fid-dlam sabiex twassalna għall-għarfien tal-imħabba vera li ma tintemm qatt. Għad-dell tal-Qalb bla tebgħa ta' Marija nistgħu nagħarfu d-dawl tax-xemx tiddi u nilqgħu il-ħniena bla tarf tal-Missier.

*"Min hija dik li tielgħa bħaż-żerniq, sabiħa donnha l-qamar, tiddi bħax-xemx, tal-biża' bħall-eżerċtu lest għat-taqbida?" (Għan 6, 10)*

*P. Christian Anthony M. Borg OFM Conv.*
*Kappillan*

**Tista' taqra r-rivista Flimkien online:**
*http://thechurchinmalta.org/en/posts/category/flimkienmags*

☎ 21573045 / 77622275
parrocca.burmarrad@maltadiocese.org
www.parroċċaburmarrad.com
Il-Parroċċa ta' Burmarrad

## Bukkett fjuri



Min jixtieq joffri bukkett fjuri biex tiżżejjen il-knisja fil-jiem tal-festa titulari jista' jordnah minn issa billi jħalli ismu, kif jixtieq li jidher fuq il-bukkett, fis-sagristija.
Kull bukkett jiswa €35.

## 100 sena mid-dehriet f'Fatima
## *It-tieni Parti*

*Fil-mitt anniversarju tad-dehriet ta' Sidtna Marija f'Fatima qegħdin inwasslulkom xi tagħrif dwar din il-ġrajja.*
*Ħajr lil www.laikos.org*



Sadattant is-Sindku, imgħaddab għall-aħħar, kien qiegħed jitmasħan mat-tfal, jipprova b'ħiltu li jġegħilhom jiċħdu d-dehriet tal-Madonna u s-sigriet li kienet qaltilhom. F'telfa kbira ta' rabja s-Sindku lagħab l-aħħar karta. Beda jhedded lit-tfal li jgħaddashom fiż-żejt jagħli. Iżda t-tlitt itfal xorta waħda ma biddlux fehmithom. Sa fl-aħħar is-Sindku qata' jiesu u ħelishom.

Ftit jiem wara, fid-19 t'Awwissu, is-Sinjura reġgħet dehret lit-tfal u qaltilhom biex jerġgħu jkunu hemm fit-13 tax-xahar ta' wara. "Għidu r-Rużarju kuljum, u fit-13 t'Ottubru jien nagħmel miraklu kbir ħalli kulħadd jemmen." Kien hemm fl-arja riħa tassew tfuħ, u t-tfal qatgħu xi friegħi mis-siġra fejn kienet serrħet il-Madonna u ħaduhom

magħhom id-dar. Dik il-lejla djarhom imtlew bl-istess fwieħa tas-sema.

L-eluf li kienu hemm waqt id-dehra t'Awwissu malajr xerrdu l-aħbar, u meta wasal it-13 ta' Settembru l-folla ħerqana kienet wisq ikbar. Il-morda bdew jitolbu lit-tfal biex jinterċedu għalihom. U kienu ħafna l-morda li ġew minn kull rokna tal-Portugall bit-tama tal-fejqan mirakoluż. Il-Madonna kienet wiegħdet li xi wħud kellhom ifiequ mill-mard tagħhom. Hekk kif beda joqrob nofsinhar il-folla kienet fuq ix-xwiek. Globu ta' dawl jiddi deher ġej mis-sema. Sħaba bajda silġ dawwret lit-tfal. "Is-Sinjura tinsab hawn!" għajtet Luċija. "Qiegħda naraha!" F'din id-dehra ħafna minn dawk li kienu preżenti raw bħal raxxa petali żgħar bojod niżlin mis-sema. Imma dawn għebu hekk kif messew mal-art. Il-Madonna qalet lit-tfal biex jissoktaw igħidu r-Rużarju għall-paċi. Luċija talbitha għall-morda li kienu hemm. Il-Madonna wiegħdet li xi wħud minnhom kellhom igħaddu għall-aħjar. L-oħrajn, żiedet tgħid, il-fejqan ma kienx ikunilhom ta' ġid għal ruħhom. Luċija qalet lill-Madonna li n-nies kienu qegħdin igħajru lilha u lit-tnejn l-oħra giddibin. Is-Sinjura tenniet il-wegħda tagħha li f'Ottubru tagħmel miraklu li jġiegħel lil kulħadd jemmen. Imbagħad, taħt għajnejn it-tfal, għebet bil-mod fis-sema. L-aħbar li kellu jseħħ miraklu ġriet b'ħeffa tal-għaġeb. L-Isqof tad-djoċesi tkellem il-biċċa mal-qassisin tiegħu. Il-ġurnali kienu qegħdin jakkużawhom b'aġitazzjoni qarrieqa tal-poplu. Il-qassisin bdew jibżgħu li r-Reliġjon Kattolika kienet ser tiġi redikolata.

Fil-għodwa tat-13 t'Ottubru omm Luċija qajmitha għall-quddies kmieni, għax kienet qed tibża' li jekk il-miraklu ma jseħħx il-folol kienu joqtluha. Imma Luċija kienet żgura li s-Sinjura żżomm kelmitha. Kienet ix-xita. Eluf kienu ilhom il-lejl kollu jterrqu lejn Fatima, jieqfu jistkennu ftit kull fejn isibu rdoss. Xmajjar ta' nies kienu jidhru resqin lejn il-*Cova da Iria*. It-tfal stagħġbu mhux

ftit meta f'dik il-għodwa waslu fil-Cova u sabu miġbura folla ta' iktar minn 70,000 ruħ. Kien għalihom kważi impossibbli li jaslu fejn il-balluta. It-tfal kienu għarkopptejhom jitolbu meta qassis li kien qrib staqsa lil Luċija x'ħin kienet ġejja s-Sinjura. Qalilha wkoll li nofsinhar kien diġa' daqq. Kulħadd kien jistenna fi skiet l-aktar profound. Is-Sinjura dehret fil-*Cova* għall-aħħar darba. Lil Luċija qaltilha: "Jiena l-Madonna tar-Rużarju Mqaddes. Irrid li hawnhekk tinbena kappella għall-gieh tiegħi. Il-gwerra issa għoddha ntemmet. Għidu r-Rużarju." Hija fetħet idejha u bdiet tielgħa 'l fuq bil-mod, lejn is-sema. Imbagħad beda jleħħ il-beraq u sħaba bajda għattiet il-balluta. "Inżlu għarkopptejkom" għajjtet Luċija, "Is-Sinjura reġgħet ġejja." Imbagħad ix-xemx ġibdet ħarset in-nies. Ix-xita kienet waqfet, is-sħab infetaħ beraħ. Ix-xemx bdiet tagħqad bħal rota ġganteska. Ir-raġġi tagħha bdew jarmu sħana tal-biża' u jdawlu s-sema b'dija tal-għaġeb. Imbagħad dehret tinxteħet 'l isfel lejn l-art. Din id-dehra damet għaxar minuti. Matulhom it-tfal lemħu fix-xemx dehriet tas-Sagra Familja, id-Duluri u l-Madonna tal-Karmnu. Fl-istess waqt il-folla nħakmet minn paniku kbir li dam sakemm ix-xemx reġgħet lura għall-post normali tagħha fis-sema.

Madwar, kollox u kulħadd kien niexef....il-ħwejjeġ, is-siġar, l-art...kollox. Ma kien fadal ebda ħjiel tax-xita li kienet ilha nieżla minn bil-lejl. L-entużjażmu tal-folla kien bla tarf. Ġaċinta kienet twerwret u xi ħadd mill-folla kien warrabha f'ġenb u ħa ħsiebha. Imma lil Luċija ma messithiex l-istess xorti tajba. In-nies bdew jiffullaw fuqha u jġebbdu fiha. Qattgħulha l-velu ta' rasha u għamlulha ħwejjiġha trietaq. Kulħadd ried jieħu tifkira....Qatgħulha saħansitra troffi minn xagħarha!

*Ikompli...*

## L-istatwa ta’ Sant’Antnin

*Kitba ta’ P. Thomas Calleja OFM Conv.*

Sa nagħtu ħarsa lejn l-istatwa ta’ Sant’Antnin sabiex nifhmu t-tifsira ta’ diversi affarijiet li nsibu fiha:



**It-Tonka** turi li ħaddan u mexa fuq l-ideal u l-ispiritwalità ta’ Frangisku: Għażel li jgħix il-ħajja tiegħu mkejla fuq il-kejl (regola) tal-Vanġelu.

**Il-Vanġelu** juri li għix, studja, għallem u xandar il-Vanġelu. Kellu saħansitra l-barka mingħand S. Franġisk: “*Lil Fra Anton, l-isqof tiegħi, jien Franġisku nibgħat is-sliem u l-barka. Hu bi pjaċir tiegħi li inti tgħallem it-Teologija mqaddsa lill-aħwa patrijiet, sakemm b’dan l-istudju int ma tħallix jintefa fik l-ispirtu ta’ talb u l-ġabra, hekk kif hemm miktub fir-Regola.*

Xtaq imut martri. Kien ħabbâr tal-Vanġelu li raġġa’ ħafna lejn il-fidi. Huwa msejjaħ Duttur tal-Vangelu.

**Il-Bambin** ifakkarna fl-istorja ta’ meta kien għand ħabib u bil-lejl, waqt li Antonju kien jitlob, deherlu Ġesù Tarbija. Id-dawl mela d-dar kollha. Il-ħabib resaq lejn fejn kien il-qaddis u ra d-dehra. Juri wkoll l-imħabba ta’ Sant’Antnin lejn il-misteru tal-inkarnazzjoni – l-umiltà u l-faqar tal-Iben t’Alla (il-Verb) li jsir bniedem.

**Il-Ħobża** tibda minn ġrajja tal-1888 f’Toulon fi Franza. Louise Bouffier, sidt ta’ ħanut tal-ħobż ma setgħetx tiftaħ il-bieb bic-cavetta. Lanqas il-ħaddied li ssejjaħ ma rnexxielu. Sakemm dan mar igib l-għodod, Louise talbet u għamlet wegħda ma’ Sant’Antnin li kemm-il darba il-bieb jinfetaħ mingħajr ma jitkisser tagħti l-hobz lill-foqra. Meta ġie lura l-haddied talbitu

biex jerġa' jipprova u l-bieb infetaħ. Il-mara żammet il-weġħda u l-foqra rċevew il-ħobż imbierek minn sant'Antnin. Minn Toulon din id-devozzjoni nfirxet mad-dinja kollha.

**Il-Ġilju** hija fjura li twarrad lejn dan iż-żmien tas-sena u hija simbolu ta' safa u ta' ħajja integra. Il-ġilju ta' Sant'Antnin hu marbut ma' żewġ inċidenti li seħħew:

- Fl-Awstrija fl-1680. Għall-festa tal-qaddis poġġew gilju f'id l-istatwa. Għal sena sħiħa dan il-ġilju baqa' frisk u jfuħ. Is-sena ta' wara miz-zokk ħarġu żewġ fjuriet oħra li mlew il-knisja bil-fwieħa tagħhom.
- Waqt ir-Rivoluzzjoni Franciza l-Frangiskani kienu mġiegħla joħorġu mill-gżira ta' Korsika. In-nies baqgħet tagħti qima lil Sant'Antnin u titlobu kif kienu għallmu l-patrijiet. F'jum il-festa, id-devoti kienu jħejju l-istatwa fin-niċċa u jżejjnuha bil-ġilji. Jingħad li ħafna xhur wara dawk il-gilji kienu għadhom friski, sbieħ u bojod.




Wasal id-DVD tad-Dramm tal-Passjoni "Sejjaħli".

Tista' tikseb kopja mis-sagristija sal-Ħadd 11 ta' Ġunju.

** In-numru ta' kopji hu limitat.*

## Griżma tal-Morda



Hija drawwa li fi żmien il-Festa Titulari l-morda tal- parroċċa jirċievu s-sagrament tal-Griżma tal-Morda f'ċelebrazzjoni komunitarja.

"Bil-Griżma tal-morda u t-talb tas-saċerdoti l-Knisja kollha tirrikkmanda 'l morda lill-Mulej, li bata u li kien igglorifikat, biex itaffi t-tbatijiet tagħhom u jsalvahom, anzi tħeġġiġhom biex jingħaqdu minn rajhom mal-passjoni u l-mewt ta' Kristu" (*LG11**)

Dan is-sagrament, kif tgħallimna l-Knisja, mhuwiex is-sagrament tal-aħħar jew ta' qabel il-mewt, imma s-sagrament ta' dawk li jridu li Kristu jakkumpanjahom fiż-żmien tad-dgħufija ta' ġisimhom.

Ma jfissirx li dan huwa sagrament li għandu jirċevih kulħadd mingħajr ebda distinzjoni imma xieraq li min ikun sa jersaq għalih ikun imħejji sewwa kemm bil-qrar u kif ukoll billi jifhem dak li sa jsir.

Għalhekk nistiednu lil dawk li għandhom xi marda gravi jew li jħossu li l-piż tas-snin m'għadux jippermettilhom li jgħixu l-ħajja ta' kuljum b'mod normali sabiex jitolbu li jirċievu dan is-sagrament f'waħda miċ-ċelebrazzjonijiet tal-jiem tal-Festa. Id-data tkun imħabbra aktar 'il quddiem.

**Min jixtieq jirċievi l-Griżma tal-Morda fi żmien il-Festa għandu jikkuntattja lill-kappillan mhux aktar tard mill-15 ta' Ġunju**.

---

* *Lumen Gentium* (LG) hija l-Kostituzzjoni Dommatika dwar il-Knisja tal-Konċilju Vatikan II.

## Kalendarju Ġunju 2017

**2** L-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Quddiesa għat-tfal fil-5.30pm fil-Knisja.

**3** Vġili ta' Għid il-Ħamsin (Pentekoste) fis-7pm. Nitolbu lill-Ispirtu s-Santu jagħti ħajja mġedda lill-parroċċa tagħna.

**10** Irtir bi tħejjija għall-Ewwel Tqarbina fil-Knisja ta' San Mikiel fid-9.30am.

**11** Ġabra bieb bieb għall-Festa mill-Kumitat Festa.

**13** Festa ta' Sant'Antnin. Quddiesa fis-7pm bis-sehem tat-tfal. Wara l-quddiesa jitbierek u jitqassam il-Ħobż ta' Sant'Antnin.

**16** Provi għat-tfal tal-Ewwel Tqarbina fil-5.15pm fil-Knisja. Qabel il-quddiesa tas-7pm it-tfal jagħmlu rappreżentazzjoni qasira tal-aħħar ċena.

**17** Festa Familja fuq iz-zuntier mit-8pm 'il quddiem.

**18** L-Ewwel Tqarbina fl-10am. (Ma ssirx il-quddiesa tat-8.30am). Wara l-quddiesa tas-7pm issir purċissjoni b'Ġesù Sagramentat mat-toroq tal-parroċċa. Xieraq li r-residenti jżejjnu l-faċċata tad-djar minn fejn sa tgħaddi l-purċissjoni.

**Bejn it-18 u l-25 ta' Ġunju** issir il-Festa Titulari tal-Qalb bla tebgħa ta' Marija. Ara l-programm tal-Festa għad-dettalji. Dawn huma jiem li jgħaqqduna flimkien bħala komunità biex niġġeddu fil-ħajja nisranija tagħna fuq l-eżempju, u taħt il-ħarsien, ta' Ommna Marija. Nawguraw il-festa t-tajba lill-parruċċani kollha.

*Qalb bla tebgħa ta' Marija, żommna dejjem bogħod mill-ħtija!*